**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 407/00JR**

**People Enterprises Ltd.**

**vs**

**Saviour Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) rapprezentanti prezz ta' avviz/"advert" li gie pubblikat mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenut fil-31 ta' Mejju, 1998, fil-gurnal "The People On Sunday", bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Chris Cilia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici hija soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00), bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Marzu, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**